MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 593/2001/1

Kawza fil-lista: 27

**A B f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri, C u D**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici zzewwget lill-konvenut nhar it-3 ta' Novembru 1990 (Dok. A);

U peress li miz-zwieg taghhom il-konjugi B kellhom zewgt itfal li jisimhom C u Branden li ghadhom minorenni (Dok B u Dok C).

U peress li l-hajja matrimonjali bejn il-konjugi B saret impossibli minhabba vjolenza, insulti, ingurji gravi u adulterju da parti tal-konvenut.

U peress li l-attrici ottjeniet digriet mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex tkun tista’ tipprocedi ghas-separazzjoni personali mill-konvenut (Dok. D).

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ l-attrici mill-konvenut.

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri C u D lill-attrici.

3. Takkorda lill-attrici u lil minuri C u D dak il-manteniment xieraq skond il-ligi.

4. Tordna l-likwidazzjoni u l-qasma tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti skond kif din il-Qorti jidhrilha xieraq.

5. Tapplika l-artikoli 48 u 52 tal-Kodici Civili kontra l-konvenut.

6. Tordna li l-attrici u uliedha jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali u cioe’ 14, Convent Street, Vittoriosa ad eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser b’ mod irrimedjabbli, pero’ dan gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici. Di fatti l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhhu mid-dritt li ghandu tal-kontro

talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonanti li biha ppremetta u talab hekk;

Premess illi l-kontendenti zzewwgu fit-3 ta’ Novembru 1990;

U premess illi mill-istess zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal, it-tnejn minorenni u cioe’ C u D;

U premess illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti mpossibli, permezz ta’ adulterju, sevizzi, minacci, theddid u ngurji gravi da parti taghha fil-konfront ta’ l-istess konvenut rikonvenzjonat, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

U premess illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appostiu tal-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili (Digriet numru 279/01 datat 27 ta’ Frar 2001);

U premess illi l-konvenut rikonvenzjonat ghamel minn kollox biex jipprova jsalva z-zwieg izda kien kollu ta’ xejn u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Tghid ghalhekk l-istess attrici rikonvenzjonata il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi tkisser b’ mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unici tal-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat u konsegwentament tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana bi htija unika tal-attrici rikonvenzjonata.

2. Tiddikjara lill-attrici rikonvenzjonata li tiddekadi mid-dritt li tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut rikonvenzjonanti.

3. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti tal-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret mill-konvenut rikonvenzjonanti.

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja pozjoni lill-attrici rikonvenzjonata u porzjon lill-konvenut rikonvenzjonanti ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tordna u tafda l-kura u l-kustodja tal-istess minorenni C u D f' idejn il-konvenut rikonvenzjonanti u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq timponi fl-ahjar interess tal-istess minorenni.

6. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonanti l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-attrici rikonvenzjonata, taghmel dan tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonanti dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali suddetti.

7. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonanti sabiex jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici rikonvenzjonata u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez u bl-attrici rikonvenzjonata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa illi t-talbiet kontenuti fil-kontro talba ta' E B ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih peress illi kien l-istess E B li kisser iz-zwieg bejn il-kontendenti minhabba

adulterju, sevizzi, minacci, theddid, vjolenza u ngurji serji da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni personali**
Illi permezz ta' l-azzjoni attrici u l-kontro talba tal-konvenut, il-partijiet qedin jitlobu s-separazzazzjoni personali bejniethom stante t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg taghhom u dan ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 imputati lil xulxin, filwaqt li t-tnejn cahdu l-allegazzjonijiet maghumla fil-konfront taghhom. Huma talba li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Novembru 1990 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt it-tfal Brandon u C li twieldu rispettivament fit-3 ta' Novembru 1994 u fis-7 ta' Jannar 1996. Illi waqt il-hajja matrimonjali nqala' l-inkwiet bejn il-partijiet, u l-affarijiet ipprecipitaw f' Ottubru tas-sena 2000 meta l-konvenut telaq mid-dar konjugali fejn rega' rritorna ftit xhur wara, izda eventwalment dana telaq mid-dar ghal kollox u mar jghix ma' mara ohra li minnha ghandu tarbija u li maghha ghadu jikkonvivi sallum.

Illi l-versjoni attrici hija fis-sens li matul l-ghaxar snin ta' konvivenza, il-konvenut, ghalkemm kellu izjed minn job wiehed, kien ihalla lill-attrici nieqsa mill-flus necessarji ghal-ghejxien taghha u ta' uliedhom. Hija tilmenta li f' diversi okkazzjonijiet il-konvenut kien ikun aggressiv maghha u gieghli refa' idejh fuqha, kif jevidenzjaw ic-certifikati medici esebiti, u giegheli kien ikun hemm prezenti t-tfal tal-partijiet waqt dawn l-episodju ta' vjolenza. L-attrici tghid li xi hames xhur wara li l-konvenut telaq mid-dar f' Ottubru 2000 hija saret taf li huwa kien

qed jiffrekwenta mara ohra. Jidher mill-provi li l-episodji ta' gliet bejn il-koppja zdiedu minn Dicembru 2000, sakemm eventwalment l-attrici inizjat il-proceduri odjerni.

Il-konvenut minn naha tieghu, filwaqt li jichad li huwa kien sawwat lill-attrici, jilmenta mill-fatt li l-attrici mill-bidu nett tar-relazzjoni taghhom, anke waqt l-gherusija li damet circa seba snin, kienet pussessiva mieghu u riedet tikkontrollah. Hu jghid li anke dak iz-zmien hija kienet tehodlu l-paga li kien idahhal. Il-konvenut ikompli jghid li wara z-zwieg, l-posizzjoni aggravat u martu, ghalkemm kienet issajjar ghaliha u ghat-tfal taghhom, ma kienitx issajjarlu, u inoltre kienet tehodlu l-paga kollha. Huwa jghid li ma kienx ihossu stamt fid-dar, u martu kienet "ghamlet snin twal ma tkun trid ikollha x' taqsam mieghu sesswalment." Huwa jinnega li kien telaq mid-dar konjugali minn rajh, u jghid li kienet l-attrici li kienet keccietu u li refghet idejha fuqu. Dwar il-manteniment jilmenta li huwa m'ghandux ikun obbligat ihallas manteniment lill-attrici "meta naf li ghandha relazzjoni ma persuna feminili, u tahdem ukoll."[1]

Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-provi migjuba hija tal-fehma li l-versjoni ta' l-attrici hija aktar verosimili fic-cirkostanzi, u l-allegazzjoni tas-swat hija korroborata minn certifikati medici. Dawn l-episodju kienu ta' certu frekwenza u jikkwalifkaw bhala sevizzi fit-termini tal-ligi.

Hemm provi li juru li hija kienet ghamlet minn kollox sabiex issalva z-zwieg taghha u anke talbet l-intervent ta' qassis, izda da parti tal-konvenut ma kien hemm sforz. Il-karattru vjolenti tal-konvenut hareg ukoll meta fil-prezenza ta' dan il-qassis waqt li dan kien qed ikellem lill-partijet fid-dar taghhom, wara xi nofs sieghu li kienu ilhom qed jitkellmu "f' daqqa wahda" il-konvenut gholla l-mejda u "kisser xi haga."[2]

Illi in kwanti ghar-relazzjoni adultera li l-konvenut ghandu ma' terza persuna, jigi osservat li dina giet ammessa mill-

[1] Fols.157 - 161
[2] Fol.237

istess konvenut li pero' sostna li huwa kien dahal f' din ir-relazzjoni wara li kien *de facto* separat minn mal-mara. In propositu l-Qorti tosserva li, in omagg ghall-principju li minn jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova ta' dak il-fatt, kien jispetta lill-konvenut li jipprova li r-relazzjoni bdiet wara u mhux qabel is-separazzjoni. Din il-prova hija mankanti, u tenut kont ta' kif zvolgew l-affarijiet, il-Qorti hija propensa li taccetta fuq bazi ta' probabilita' kbira li din ir-relazzjoni zviluppat waqt il-konvivenza u kienet wahda mir-ragunijiet principali ghat-tkisser irrimedjabbli taz-zwieg.

Inoltre, jigi osservat li, ghalkemm fl-affidavit tieghu l-konvenut isostni li l-attrici ghandha relazzjoni ma' persuna tas-sess feminili, huwa ma gab ebda prova in propositu, u l-Qorti tqis din l-allegazzjoni bhala wahda nfondata eskogitata mill-konvenut bl-uniku skop li jipprova jehles mill-obbligu tieghu li jhallas manteniment lil martu. Din l-allegazzjoni, mhux sostnuta minn provi, tikkostitwixxi fiha nnifisha ngurja gravi fit-termini ta' l-artikolu 40.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremidjabbilment minhabba sevizzi ripetuti, segwit bl-adulterju, da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, u wkoll ingurja gravi da parti tieghu.

**Kura u Kustodja**

Illi mill-provi jirrizulta car li huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tkun fdata f' idejn l-attrici li ghal dawn is-snin kollha dejjem hadet hsiebhom, nonostante l-inkwiet matrimonjali u l-vjolenza, morali u fizika, li kienet tissubixxi minghand il-konvenut li llum il-gurnata qed jghix ma' mara ohra li ghandu tarbija minnha; izda decizjonijiet ta' natura straordinarja li jirrigwardaw lill-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament bejn il-genituri, jew, fin-nuqqas ta' qbil, bl-intervent tal-Qorti.

Illi l-konvenut ghandu ikollu access ghal uliedu darba fil-gimgha ghal siegha taht supervizjoni ta' l-Agenzija Appogg; liema gurnata u hin jigu fissata mis-social worker li tkun qed tiehu hsieb il-kaz, u dana bl-isperanza li jigu akkomodati l-persuni kollha nvoluti. Inoltre, il-Qorti tordna

li l-access jsehh biss, jekk il-konvenut jssottometti ruhhu ghal terapija mill-psikologa fi hdan l-Agenzija Appogg biex titjeb ir-relazzjoni bejnu u bejn uliedu – u dan fl-interess primarju ta’ l-ulied minuri, u sekondarjament fl-interess tieghu stess.

L-Agenzija ghandha tirrapporta lil din il-Qorti wara sitt xhur, permezz ta’ nota, jew anke qabel jekk thoss il-htiega.  L-ispejjez kollha involuti jkunu a kariku tal-konvenut.

**Dar Matrimonjali**

Illi jirrizulta pacifiku li qabel iz-zwieg il-partijiet xtraw il-fond numru 14 Triq il-Kunvenut Birgu bl-intenzjoni li sservi bhala d-dar matrimonjali.  Di fatti wara z-zwieg il-partijiet marru joqghodu fiha u ghammruha b’ diversi mobbli u oggetti orha. Ghalhekk, nonostante li l-fond ma jifformax parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, l-istess fond jikkwalifika bhala d-dar matrimonjali tal-koppja fit-termini ta’ l-artikolu 3A tal-Kap.16, u allura soggetta ghall-applikazzjoni tal-artikolu 55A.

Fil-kaz in disamina, stante li l-attrici ilha tghix f’ din id-dar flimkien ma’ ulied il-partijiet mis-sena 1990, u tenut kont tal-fatt li l-konvenut telaq mid-dar sabiex illum jghix f’ residenza ohra ma’ mara ohra, u tenut kont li, ghalhekk il-konvenut hu hati fil-konfront ta’ l-attrici ta’ l-akbar offiza li konjugi jista’ jissubixxi mill-konjugi l-iehor, ikun gust li l-attrici tibqa’ tirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien mal-ulied, ad eskluzjoni ta’ zewgha l-konvenut. Apparti minnhekk hemm il-konsiderazzjoni ulterjuri li l-konvenut isostni li llum ma jahdimx u ghalhekk mhux fil-posizzjoni li jforni manteniment adegwat lill-attrici u ghal uliedhom, b’ hekk il-possibilita’ li l-attrici ssib residenza alternattiva ghaliha u ghall-ulied hija izjed remota, tenut kont li l-valur tal-fond mhuwiex wiehed sostanzjali.

**Manteniment**

Illi bhala l-persuna unikament hatja ghas-separazzjoni bejn il-partijiet, il-konvenut huwa obbligat li jhallas lill-attrici manteniment adegwat ghaliha; kif ukoll  huwa obbligat li jhallas manteniment ghaz-zewg uliedu.

Illi mill-provi jirrizulta li skond id-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili moghti fit-27 ta' Frar 2001 il-konvenut kien obbligat ihallas lill-attrici fil-gimgha s-somma ta' Lm10 bhala manteniment pendente lite ghall-attrici, u s-somma ta' Lm15 bhala manteniment ghal uliedhom.

In propositu l-attrici ssostni li konvenut, ghalkemm inizjalment hallas il-manteniment dovut minnu, huwa ghamel zmien twil ma jhallas manteniment, u okkazjonalment jivversa ammonti ta' flus lill-attrici. Skond prospett[3] dettaljat prezentat mill-attrici jirrizulta li mit-28 ta' Settembru 2001 sal-8 ta' Marzu 2003 huwa dovut lill-attrici arretrat ta' manteniment fl-ammont komplessiv ta' Lm1,285.

Ghalkemm il-konvenut innega li kien inadempjenti f' dan ir-rigward, huwa ma gab ebda prova sabiex isostni l-pagamenti minnu allegatament dovuti; u ghalhekk naqas li jipprova l-fatt tal-pagament minnu allegat. In mankanza ta' din il-provi, u anke fl-isfond tal-fatti provati, il-Qorti ser taccetta bhala veritiera l-allegazzjoni l-attrici dwar is-somma dovuta lilha mill-konvenut.

Huwa rilevanti ghall-finijiet tal-ezami odjern, il-fatt li wara li din il-Qorti b' digriet moghti fit-3 ta' Dicembru 2002[4] ordnat li l-manteniment fissat mis-Sekond Awla jigi mnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut li dak iz-zmien kien jahdem ma' Vassallo Brothers Ltd. sabiex tintbaghat direttament lill-attrici, il-konvenut "volontarjament telaq mill-impieg tieghu fis-7 ta' Jannar 2003"[5] biex b' hekk gew newtralizzati, l-effetti u l-ghan tad-digriet precitat.

Illi, wara l-udjenza tal-4 ta' Mejju 2004 li fiha l-kawza giet differita ghas-sentenza, il-konvenut ipprezenta rikors sabiex jigi revokat id-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili moghti fis-27 ta' Frar 2001 stante li "prezentement jinsab bla xoghol u dan mis-7 ta' Lulju 2004." Huwa pprezenta kopja ta' dikjarazzjoni maghmula minnu lil ETC.

[3] Fol.111
[4] Fol.78
[5] Fol.80 – sottolinear tal-Qorti

In propositu l-Qorti tirrileva li l-konvenut ma pprovax li huwa mhux fil-posizzjoni li jahdem jew li ma' ghandux potenzjal ghax-xoghol, kif ukoll ma ta ebda raguni valida li tiggustifika t-terminazzjoni "volontarja" ta' l-impieg tieghu minnn ma' Vassallo Brothers Ltd. Fi kliem car, il-Qorti hija konvinta li l-konvenut ghandu potenzjal tajjeb li jsib xoghol u r-rikors tieghu huwa biss manuvra sabiex jipprova jehles mill-obbligu tieghu li jmantni lil martu.

Ghaldaqstant tordna li l-konvenut jivversa lill-attrici bhala manteniment ghaliha percentagg ta' ghoxrin fil-mija [20%], u inoltre percentagg ta' ghoxrin fil-mija [20%] ulterjuri bhala manteniment ghaz-zewg uliedhom, u dana kull erba gimghat, liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga tieghu, jekk ikun qed jahdem bil-paga u jintbaghat lill-attrici fir-residenza taghha.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**

Illi f' dan ir-rigward tidher mhux kontestata l-proposta ta' l-attrici li hija zzomm l-oggetti kollha li hemm fid-dar matrimonjali, filwaqt li l-konvenut izomm l-oggetti kollha li jinsabu fil-pussess tieghu, inkluza l-karrozza.

Konformament il-Qorti xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti u tassenja lill-attrici l-mobbli kollha li hemm fid-dar matrimonjali, filwaqt li tassenja lill-konvenut l-oggett kollha li fil-prezent jinsabu fil-pussess tieghu, inkluzi l-karozza Maruti u d-dghajsa bil-karru.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi t-talbiet attrici billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet imputabbli unikamment lill-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri C u D lill-attrici, bid-dritt ta' l-access ghall-konvenut kif dettaljatament fuq indikat that l-intestatura "Kura Kustodja" u bil-kondizzjonijiet hemm imposti;

[3] titlqa’ t-tielet talba u tordna li l-konvenut jivversa lill-attrici bhala manteniment ghaliha percentagg ta’ ghoxrin fil-mija [20%], u inoltre percentagg ta’ ghoxrin fil-mija [20%] ulterjuri bhala manteniment ghaz-zewg uliedhom, u dana kull erba gimghat, liema manteniment ghandu jinqata’ direttament mill-paga tieghu, jekk ikun qed jahdem bil-paga u jintbaghat lill-attrici fir-residenza taghha.
Inoltre tordna li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ elf mitejn u hamsa u tmenin lira maltin [Lm1,285] arretrat ta’ manteniment kif fuq indikat;

[4] tilqa’ ir-raba talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u li ssir l-assenjazzjoni ta’ l-assi tal-komunjoni kif indikat fil-paragrafu intestat “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”

[5] tilqa’ l-hames talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

[6] tilqa’ is-sitt talba u tawtorizza lill-attrici u lil uliedhom jghixu fid-dar matrimonjali numru 14 Triq il-Kunvent Vittoriosa, ad eskluzjoni tal-konvenut fit-termini ta’ l-artikolu 55A[1] tal-Kap.16

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

Tiddeciedi dwar il-kontro talba tal-konvenut billi:

Tilqa’ l-ewwel [1] talba limitatament ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali; tichad it-talbiet numri [2][3][5][6] u [7], u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba [4] talba;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvneut.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lil Agenzija Appogg tramite r-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------